

**Talbiet**

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/873 tat-13 ta' Ġunju 2018 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa partikolari li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) inkwantu din id-deċiżjoni teskludi l-ispejjeż sostnuti mir-Repubblika Ċeka li jammontaw għal total ta' EUR 151 116,65, u
- tikkundanna lill-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni (iktar 'il quddiem ir-"Regolament 1306/2013").
  - F'dan ir-rigward ir-rikorreni ssostrni illi l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat illi t-terminu li jgħaddi bejn verifika u oħra li ssir mill-awtoritajiet ta' kontroll għand l-istess impriża agrikola ma jistax ikun iktar mit-terminu stabbilit mill-Artikolu 25 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (iktar 'il quddiem ir-"Regolament 809/2014").
2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.
  - Anki jekk fil-kawża preżenti jiġi stabbilit li kien hemm ksur tar-Regolament 809/204 (*quod non*), ir-Repubblika Ċeka setgħet leġittimament tikkunsidra illi s-sistemi tagħha ta' kontroll huma konformi mad-dritt tal-Unjoni minħabba l-konklużjonijiet li kienet waslet għalihom il-Kummissjoni fl-awditu preċedenti, u dan għadarba li l-Kummissjoni kienet irrikonoxxiet li l-verifiki fuq il-post fir-Repubblika Ċeka kienu seħħew b'mod li huwa konformi mad-dritt tal-Unjoni.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 52(1) u (2) tar-Regolament Nru 1306/2013.
  - Anki jekk fil-kawża preżenti jiġi stabbilit li r-Repubblika Ċeka kisret ir-Regolament 809/204 (*quod non*), il-Kummissjoni inkludiet ukoll fil-korrezzjoni finanzjarja għajnuna mogħtija lill-impriżi agrikoli li fir-rigward tagħhom il-verifiki fuq il-post ma stabbilixxew ksur tar-Regolament 809/2014. Għalhekk il-Kummissjoni imponiet korrezzjoni finanzjarja għal nfiq illi ma jistax jiġi kkwalifikat bħala wieħed li mhux ġustifikat u li ma ppreżenta l-ebda riskju għall-fondi tal-Unjoni.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2018 – Il-Lussemburgu vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-516/18)**

(2018/C 399/55)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentanti: D. Holderer, aġent u D. Waelbroeck, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;
- prinċipalment, tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2018 dwar l-allegata għajnuna mill-Istat SA.44888 li ġiet implimentata mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu favur Engie;
- sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2018 dwar l-allegata għajnuna mill-Istat SA.44888 li ġiet implimentata mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu favur Engie sa fejn hija tordna l-irkupru tal-għajnuna;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), sa fejn il-Kummissjoni ma wrietx is-selettività tal-miżuri inkwistjoni.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 107 TFUE, sa fejn il-Kummissjoni ma wrietx l-eżistenza ta' kwalunkwe vantaġġ favur Engie.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 4 u 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), sa fejn il-Kummissjoni fil-fatt tipproċedi b'armonizzazzjoni fiskali moħbjija.
4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9) u d-drittijiet tad-difiża.
5. Il-ħames motiv, imqajjem b'mod sussidjarju u bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 16 tar-Regolament 2015/1589 msemmi iktar 'il fuq, sa fejn il-Kummissjoni ordnat l-irkupru tal-għajna bi ksur tal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni.

---

### Rikors ippreżentat fil-31 ta' Awwissu 2018 – YG vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-518/18)

(2018/C 399/56)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: YG (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Champetier, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali joghħobha:

- tannulla, l-ewwel nett, id-deċiżjoni tal-konvenuta tat-13 ta' Novembru 2017 li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista ta' uffiċjali promossi;
- tannulla, sussegwentement, id-deċiżjoni tal-konvenuta tas-17 ta' Mejju 2018 li tiċħad l-ilment tiegħu kontra d-deċiżjoni tat-13 ta' Novembru 2017;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur, mill-konvenut, tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea. Id-deċiżjoni kkontestata kienet ibbażata fuq ċerti żbalji manifesti ta' evalwazzjoni; barra minn hekk, hija ma kinitx motiva b'mod suffiċjenti u stabli b'ispejjeż ta' eżami tal-merti tar-rikorrent sar skont il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif protett mill-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, minħabba li nuqqas ta' diliġenza fir-redazzjoni u l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.